**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2017**

Numru 3

**Rikors Nru. 1093/2015**

**Wara l-atti tas-subbasta numru 60/2013**
**fl-ismijiet**

**Anca Holdings Limited**

**vs**

**Edgar Brincat**
**u fl-atti tac-cedoli ta' depozitu ta' Pierre Fauré**
**numri 532/2015 u 533/2015**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Anthony Demajo tat-18 ta' Novembru, 2015 wara l-atti tas-subbasta numru 60/2013 u fl-atti tac-cedoli ta' depozitu numri 532/2015 u 533/2015 ghal ftuh ta' konkors ta' kreditorui ta' Edgar Brincat, gradwazzjoni tal-kredituri relattivi u zbank skond il-gradwazzjoni;

Rat li ghal dan il-ghan il-Qorti b'digriet tad-19 ta' Novembru 2015 laqghet it-talba u sussegwentement wara notifika tal-persuni interessati appuntatu ghas-smigh u appuntat lil Dr Mark Simiana biex jipprezenta rapport bil-konkluzjonijiet tieghu dwar it-talbiet;

Rat l-atti, ir-rapport ta' Dr Mark Simiana, u n-noti prezentati;

Rat li l-vertenza thalliet ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tibda biex taghmel riassunt ta' dak li wassal ghat-talba odjerna u ghal dan il-ghand qed tirriproduci l-perkors ta' din il-vertenza kif riassunta abilment mill-perit legali Dr Simiana:

> 1.1. Illi din il-procedura kellha l-bidu taghha minn proceduri ghall-bejgh bl-irkant ta' hwejjeg immobbli mibdija fuq talba tal-kumpannija Anca Holdings Limited, wara id-debita spedizzjoni tal-mandat ta' qbid ta' hwejjeg immobbli fil-konfront tad-debitur Edgar Brincat. B'rikors intavolat fil-31 ta' Lulju 2013, u li gie moghti in-numru progressiv sittin tas-sena elfejn u tlettax, il-kumpannija Anca Holdings Limited talbet l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv taghha, konsistenti minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ricevut min-Nutar Pubbliku Robert John Muscat fit-12 ta' Marzu 2007, u rez ezekuttiv kif mahsub mill-Artikolu 256 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili permezz ta' ittra ufficjali ntavolata fis-16 t'April 2013, fuq l-immobbli msemmija fir-rikors in kwistjoni.
>
> 1.2. Illi t-talba tal-kumpannija Anca Holdings Limited giet milqugha b'dikriet ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili moghti fit-8 t'Awwissu 2013. Wara li saret l-istima ta' l-immobbli oggett tal-procediment ezekuttiv (liema stima saret mill-Perit Arkitett Edgar A. Rossignaud b'relazzjoni estiza fl-14 ta' Marzu 2014), gie ffissat il-jum tal-11 ta' Settembru 2014, fil-11am, sabiex isir l-irkant gudizzjarju ta' l-istess hwejjeg immobbli. Dan il-jum gie pospost, minhabba diffikultajiet fin-notifika tad-debitur bl-avviz ta' l-appuntament ta' l-irkant, ghat-13 ta' Novembru 2014 f'nofsinhar.
>
> 1.3. Illi sadanittant, b'nota imressqa fis-6 ta' Novembru 2014, il-kumpannija Anca Holdings Limited talbet l-ammissjoni taghha bhala offerent f'dan l-irkant animo compensandi.
>
> 1.4. Illi fit-12 ta' Novembru 2014, kreditur iehor tad-debitur Edgar Brincat, Anthony Demajo, dahal fl-atti ta' dan l-irkant bhala kreditur iehor, kif mahsub mill-Artikoli 346 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Kontestwalment, l-istess kreditur talab ukoll l-ammissjoni tieghu bhala offerent animo compensandi.
>
> 1.5. Fit-13 ta' Novembru 2014, sar l-irkant, u l-immobbli li kienu jappartjenu lid-debitur Edgar Brincat gew liberati favur l-offerent Pierre Faure', bil-prezz kumplessiv ta' €215,500.

1.6. Illi effettivament jirrizulta mill-atti ta' l-irkant gudizzjarju in kwistjoni li l-offerent Pierre Faure' ressaq rikors fl-20 ta' Novembru 2014 fejn talab li jigi ezentat milli jiddepozita l-prezz tal-liberazzjoni, u dan billi isem il-kumpannija li bdiet il-proceduri ta' l-irkant kien "Anca Holdings Company Limited" u mhux "Anca Holdings Limited". Din it-talba giet michuda b'dikriet tal-25 ta' Marzu 2015, permezz ta' liema dikriet l-istess Faure' inghata sebat ijiem biex jiddepozita l-prezz tal-liberazzjoni.

1.7. Illi jirrizulta wkoll illi b'nota ipprezentat fl-1 ta' Dicembru 2014 (u cioe wara li saru l-irkant u l-liberazzjoni kif suespost), id-Direttur Generali tat-Taxxi prezenta nota mahlufa sabiex jirregistra ruhu biex joffri fl-irkant animo compensandi. Din in-nota giet segwita b'nota ohra prezentata fit-3 ta' Dicembru 2014, li biha l-Kummissarju tat-Taxxi dahal fil-procedura bhala kreditur ezekutant iehor, a tenur ta' l-Artikolu 346 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

1.8. Illi l-offerent li favur tieghu gew liberati l-immobbli milquta b'dawn il-proceduri ezekuttivi, Pierre Faure', ressaq rikors iehor fis-27 ta' Marzu 2015 sabiex jigi akkordat lilu terminu ulterjuri sat-13 t'April 2015 sabiex jaghmel id-depozitu mehtieg minnu, liema talba giet akkordata b'dikriet moghti fis-7 ta' April 2015.

1.9. Illi effettivament l-istess Pierre Faure' iddepozita l-prezz kumplessiv ghaz-zewg immobbli liberati favur tieghu permezz ta' zewg cedoli ta' depozitu imressqa kontestwalment, fid-9 t'April 2015. Permezz tac-cedola ta' depozitu bin-numru 532/2015 huwa ddepozita s-somma ta' €195,000 (oltre d-drittijiet dovuti lir-Registratur) ghall-prezz ta' l-appartament liberat favur tieghu. Permezz tac-cedola ta' depozitu bin-numru 533/2015 huwa ddepozita s-somma ta' €20,500 (oltre d-drittijiet dovuti lir-Registratur) ghall-prezz tal-garaxx liberat favur tieghu.

1.10. Illi l-kreditur Anthony Demajo, b'rikors imressaq fl-atti tac-cedola bin-numru 532/2015 fis-17 t'April 2015, talab l-izbank ta' somma flus in linea ta' pagament tal-kreditu tieghu, liema talba giet opposta minn Anca Holdings Limited b'risposta ntavolata fis-7 ta' Mejju 2015. B'dikriet moghti fit-3 ta' Gunju 2015, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili stiednet lir-rikorrenti Demajo jirregola ruhu skond il-ligi.

1.11. Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ukoll ressaq rikors sabiex jithalla jizbanka flus mic-cedola ta' depozitu bin-numru 532/2015, u dan fl-10 ta' Dicembru 2015. B'dikriet tas-17 ta' Dicembru 2015, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lill-partijiet interessati, bi dritt ta' twegiba. Ma jirrizultax pero' li l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni segwa dan ir-rikors, li thalla minghajr qatt ma gie notifikat.

1.12. Illi pero' qabel ma sar ir-rikors imsemmi fil-paragrafu precedenti, u cioe' fit-18 ta' Novembru 2015, ir-rikorrenti Anthony Demajo ressaq rikors wara l-atti tas-subbasta bin-numru 60/2013 u fl-atti tac-cedoli ta' depozitu bin-numri 532/2015 u 533/2015, fejn talab lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili:
(i) tordna l-ftuh tal-konkors ta' krudituri ta' Edgar Brincat;

(ii) tordna lir-Registratur taghha sabiex f'gazzetta wahda jew izjed, fosthom f'kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf bid-depoziti rizultanti in segwitu ghas-subbasta bin-numru 60/2013 fl-ismijiet "Anca Holdings Ltd vs. Edgar Brincat" kif ukoll b'dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull min jista' jkollu interess sabiex igib 'l quddiem il-jeddijiet tieghu fi zmien xahar mill-hrug ta' tali avviz;
(iii) tordna li s-segwenti persuni jigu notifikati b'dan l-avviz u cioe':
(a) Edgar Brincat
(b) Pierre Faure'
(c) Anca Holdings Company Limited
(d) Anthony Demajo
(e) HSBC Bank Malta plc
(f) Anne Catherine Eadon-Allen
(g) Kummissarju tat-Taxxi Nterni
(h) Direttur tas-Servizzi Socjali
(i) Bartoli Brothers Limited
(j) Jolly Imports & Distribution Limited
(iv) tiggradwa l-kredituri relattivi li jkunu dehru u ppartecipaw f'dan il-konkors wara li jiskadi t-terminu fissat;
(v) tawtorizza l-izbank tal-flus fit-termini ta' tali gradwazzjoni.

1.13. Illi b'dikriet moghti fid-19 ta' Novembru 2015, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba kif maghmula u appuntat ir-rikors ta' Anthony Demajo ghas-smiegh ghall-25 ta' Jannar 2016 fl-10am.

1.14. Illi wara n-notifika tar-rikors tar-rikorrenti Demajo tat-18 ta' Novembru 2015 lill-kumpannija Anca Holdings Limited u lil Edgar Brincat, u wara l-hatra ta' l-esponenti, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili b'dikriet tat-23 ta' Mejju 2016, ordnat il-hrug ta' l-avvizi a tenur ta' l-Artikolu 416 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, b'dan li l-avvizi kellhom jigu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern (fol. 53A sa 53C), f'gazzetta wahda bil-Malti (fol. 55) u f'gazzetta ohra bl-Ingliz (fol. 53), u dan kif mitlub fit-tieni talba tar-rikorrenti Demajo fl-imsemmi rikors tieghu.

1.15. Illi b'rikors prezentat fl-20 ta' Gunju 2016, il-kumpannija S Rausi Trading Limited talbet li tigi ammessa tikkonkorri fil-konkors odjern, liema talba giet akkordata b'dikriet moghti fil-21 ta' Gunju 2016.

1.16. Illi mill-atti jirrizulta li l-avviz mahrug a tenur ta' l-Artikolu 416 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili gie notifikat lis-segwenti persuni:

(i) Pierre Faure' (fol. 84, fol. 83)
(ii) HSBC Bank Malta plc (fol. 78)
(iii) Anne Catherine Eadon-Allen (fol. 96)
(iv) Kummissarju tat-Taxxi Nterni (fol. 77, fol. 76)
(v) Direttur tas-Servizzi Socjali (fol. 78)
(vi) Bartoli Brothers Limited (fol. 77, fol. 76)
(vii) Jolly Imports & Distribution Limited (fol. 77, fol. 76)

1.17. Illi b'rikors imressaq fis-6 ta' Settembru 2016, il-kumpannija Jolly Import/Distribution Ltd talbet biex tithalla tippartecipa f'dan il-konkors, liema talba giet akkordata b'dikriet tas-7 ta' Settembru 2016.

B'zieda ma' dan il-Qorti waqt is-seduta tas-26 ta' Gunju 2017 laqghet it-talba ta' Anca Holdings Limited li titqies bhala partecipi fil-konkors tal-kredituri billi l-perit legali ghamel sottomissjonijiet dwar il-fatt li l-istess ocjeta qatt ma giet formalment ammessa fil-konkors tal-kredituri ghax qatt ma talbet b'rikors biex tigi ammess f'tali konkors. Il-Qorti sabet illi Anca Holdings Limited kienet il-kreditur ezekutant tad-debitur Brincat bi proceduri ta' subbasta kontrih li xpruna dawn il-proceduri ta' konkors sussegwentement permezz ta' kreditur iehor cioe Anthony Demajo li thalla jippartecipa fil-procedura ta' subbasta inizjata minn Anca Holdings Limited.

Jidher pacifiku mill-proceduri li sehhew wara l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern dwar il-proceduri ta' konkors illi l-kredituri partecipanti f'dan il-konkors kienu:

1. Anthony Demajo
2. Jolly Import/Distributrion Limited
3. S Rausi Trading Limited
4. Anca Holdings Limited

Jinghad ghal kompletezza illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni minkejja li ressaq talba ghall-izbank tal-flus fl-atti tac-cedola ta' depozitu 532/2015 ma ikkonkorriex kif trid il-ligi minkejja notifikat bl-avviz skond artikolu 416(4) tal-Kap. 12 u qatt ma deher ghal proceduri.

Il-gradwazzjoni ssir hekk. L-ewwel li ghandu jithallas fl-istess grad huma l-ispejjez gudizjarji inkorsi mill-kreditur Anthony Demajo b'rabta mal-konkors tal-kreditur u l-ispejjez inkorsi min Anca Holdings Limited b'rabta mal-proceduri ezekuttivi li wassal ghal bejgh u depozitu mertu tal-proceduri odjerni. Dawn il-krediti huma muniti bi privilegg generali a tenur tal-artikolu 2003(a) tal-Kap. 16 billi saru fl-interess tal-kredituri kollha, fosthom l-ispejjez mehtiega biex isir il-bejgh tal-beni u qsim tal-prezz skond artikolu 2004.

Illi l-kreditu ta' Anthony Demajo, kif rajna, huwa kostitwit b'att pubbliku tal-4 ta' Mejju 2003, u huwa munit b'ipoteka specjali bin-numru 9130/2006 fuq il-proprjeta tad-debitur li nbieghet bl-irkant.

Illi l-kreditu tal-kumpannija Anca Holdings Limited huwa kostitwit b'att pubbliku ricevut min-Nutar Robert John Muscat fit-12 ta' Marzu 2007, u huwa munit b'ipoteka generali u ipoteka specjali iskritti bin-nota bin-numru 5648/2007 fuq il-proprjeta' tad-debitur mibjugha bl-irkant.

Illi l-kreditu tal-kumpannija S Rausi Trading Limited ma huwiex kanonizzat, u lanqas ma jirrizulta li huwa munit b'xi jedd ta' preferenza.

Illi l-kreditu tal-kumpannija Jolly Import/Export Ltd huwa kanonizzat b'ittra ufficjali bin-numru 345/2012 reza ezekuttiva a tenur tal-artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ma jirrizultawx drittijiet ta' preferenza.

Illi skond l-artikolu 2092 tal-Kodici Civili, il-krediti ipotekarji jithallsu fl-ordni tal-iskrizzjoni. Ifisser dan li wara l-ispejjez gudizzjarji, jigi gradwat il-kreditur Anthony Demajo ghall-kreditu tieghu.

Illi warajh tidhol il-kumpannija Anca Holdings Limited u dan ukoll ghall-kreditu taghha.

Illi fl-ahhar grad jidhlu l-kumpannija S Rausi Trading Limited u Jolly Import/Export Ltd, li ghandhom jedd indaqs fuq il-bilanc jekk ikun hemm, u dan kif jiddisponi l-artikolu 1995(1) tal-Kodici Civili.

Tqajjmu zewg kwistjonijiet li jridu jigu decizi u li tqajmu fil-process tal-konkors. L-ewwel kwistjoni hi jekk l-imghax li jorigina mill-kreditu hux kopert mill-kreditu bhala jedd ta' preferenza. L-artikolu 2095(1), (2) u (5) jghidu hekk:

> (1) Fl-istess grad li fih ikun imqieghed kreditu, jitqieghdu l-imghaxijiet ta' dak il-kreditu, l-ispejjez tal-iskrizzjoni u l-ispejjez maghmulin, meta hu mehtieg, biex il-kreditu jigi maghruf b'sentenza kemm-il darba dawn l-ispejjez tal-ahhar ma jkunux privileggati xort'ohra:

> Izda fil-kaz ta' ipoteka, ir-regola msemmija hawn aktar qabel ghandha tapplika fir-rigward ta' imghax biss fejn il-fatt li l-imghax gie mifthiem jissemma fin-nota tar-registrazzjoni tali poteka skont l-artikolu 2042(e).
>
> (2) Meta n-nota tar-registrazzjoni ta' ipoteka ssemmi li hemm qbil li ghandu jithallas imghax fuq il-kreditu, ma tkun mehtiega ebda nota ta' regstrazzjoni addizzjonali meta ssir xi bidla, varjazzjoni jew emenda fir-rigward tar-rati tal-imghaxijiet li jkunu jridu jithallsu, il-modalitajiet biex jigu kalkulati l-imghaxijiet komprizi indici, margini jew mekkanizmu tas-suq.
>
> (5) L-obbligazzjonijiet mibdula, varjati jew emendati kif hawn aktar qabel imsemmi ghandhom jibqghu fl-istess grad li fih tkun tqieghdet l-obbligazzjoni principali.

Jidher car illi l-imghax ghandu jigi kalkolat mal-kapital mid-data minn meta kien dovut il-kapital sal-eventwali decizjoni ta' din il-Qorti.

Tqajjem punt iehor cioe jekk il-kreditur Anthony Demajo kellux il-jedd jippretendi imghax kompost. kif jghid il-perit legali:

> Huwa jsejjes din il-pretensjoni tieghu fuq il-fatt illi fl-att ta' kostituzzjoni ta' debitu ricevut min-Nutar Joseph Tabone fl-4 ta' Mejju 2006, gie stipulat illi "... the sums shall bear interest at the rate of seven point five per cent (7.5%) this interest shall be reckoned on the amount due for balance of loan by debtor from time to time according to recognized banking practice". In oltre, l-kreditur Demajo jsostni illi bejnu u bejn id-debitur kien hemm kuntratt ta' kont kurrenti, u kwindi l-uzu kummercjali (li skond l-Artikolu 3 tal-Kodici tal-Kummerc, jipprevali fuq il-Kodici Civili fejn il-ligi tal-kummerc tkun siekta) jippermetti l-applikazzjoni ta' imghaxijiet komposti lil'hinn mir-regoli mfissra fil-Kodici Civili.

Il-Qorti jidhrilha bhal ma issottometta l-perit legali illi l-kuntratt tal-4 ta' Mejju 2003, u li minnu jorigina l-kreditu ta' Anthony Demajo kif ukoll il-jeddijiet ta' preferenza koncessi lilu, jghid li l-kuntratt bejn Demajo u d-debitur kien wiehed ta' self, mela allura l-indikazzjonijiet kollha huma li dak il-kuntratt kien self, u mhux ta' kont kurrenti. L-uzu kummercjali ma jghinx lit-tezi ta' Anthony Demajo jekk kemm-il darba bejnu u bejn id-debitur ma kienx hemm kont kurrenti, u dan ghaliex l-imghaxijiet komposti, fil-prassi bankarja u kummercjali, ma humiex applikabbli ghal mutwi imma biss ghal kontijiet kurrenti (Ara ad ezempju **Bank of Valletta Ltd vs Anna's Trading Company Ltd et**, App 06/12/2002).

Issa f'dan il-kaz, Anthony Demajo qed jargumenta illi s-self bejnu u bejn id-debitur kien jithaddem bhala kont kurrenti b'referenza ghad-dokument ossia rendikont datat 30 ta' Ottubru 2014, a fol. 10 ta' dawn l-atti. Madanakollu dan id-dokument ma juriex thaddim ta' kont kurrenti, imma biss kalkolu ta' imghaxijiet. Fil-fatt huwa car li l-kapital misluf baqa' dejjem l-istess, u d-debitur ma thallas xejn u lanqas ma ssellef aktar.

Inoltre civilment, il-materja hija regolata mill-artikolu 1142 tal-Kodici Civili, li jipprovdi kif gej:

> L-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu mghaxijiet ohra, sew bis-sahha tad-disposizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena.

Fil-kaz odjern, ma saret ebda talba gudizzjarja minn Anthony Demajo ghall-iskop mahsub fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili. Skont il-gurisprudenza in materja, il-htiega imposta mill-artikolu 1142 ghal "talba gudizzjarja" tkun sodisfatta biss meta l-kreditur iressaq kawza, u mhux att gudizzjarju kwalsiasi **Francis Xavier Aquilina vs Carlo Leone Ganado et**, PA 15/02/1984:

> Illi gie deciz minn din il-Qorti li "i lucri dei lucri non sono dovuti in difetto di una domanda giudiziaria, alla quale non e' equipollente una interpellazione con lettera ufficiale od altro atto giudiziario" (**Concetta Vella vs Maria Grazia Caruana et** – Vol.XXI.II.357). F'din il-kawza saret referenza ghal kawza ohra **Bugeja vs Mirabita**, ippubblikata fil-Kollezzjoni, Vol. VII, pagna 386, fejn gie deciz l-istess punt, u f'dak il-kaz l-att gudizzjarju adoperat kien il-protest;
> Minn dan jidher li t-talba ghall-imghaxijiet komposti ghandha ssir permezz ta' citazzjoni u mhux sempliciment b'ittra ufficcjali jew att gudizzjarju iehor li ma jkunx promotorju ta' azzjoni

Illi madanakollu l-ligi tippermetti imghaxijiet komposti anke bi ftehim, purche anke hawn l-imghaxijiet ma jkunux dovuti ghal inqas minn sena. Anthony Demajo jsostni li dan il-ftehim jezisti, u jirrizulta mid-dikjarazzjoni ffirmata mid-debitur fid-dokument a fol. 10 tal-process. Fl-ahhar ta' dan id-dokument, hemm miktuba il-kliem "I confirm that the amount mentioned above (ONE HUNDRED AND FIFTY THREE THOUSAND, ONE HUNDRED AND NINETY TWO EUROS, 88 CENTS) - €153,192.88 is CORRECT and owed by me to Anthony Demajo (ID 856353(M)) as at 30th Oct 214, THIS IN LINE with our contractual agreement dated 04/05/06". Taht dan il-kliem imbaghad hemm firma u n-numru

tal-karta tal-identita' 212945(M), li jirrizulta li huwa tad-debitur. Imbaghad hemm firma ta' avukat taht il-kliem "Verakopja".

Il-Qorti ma tqis din il-prova bhala l-ahjar prova li kelelha tigi prodotta mill-kreditur. Ma hemm ebda xhud tal-firma tad-debitur, la ttella' jixhed biex jikkonferma l-awtenticita tad-dokument u anqas il-kreditur stess Anthony Demajo ma ikkonfermah bil-gurament tieghu.

**Gradwazzjoni**

Fl-ewwel lok jidhlu indaqs l-ispejjez gudizzjarji inkorsi mill-kreditur Anthony Demajo b'rabta ma' dan il-konkors, kif ukoll l-ispejjez inkorsi minn Anca Holdings Limited b'rabta mal-procediment ezekuttiv li wassal ghall-bejgh ta' l-immobbili u ghad-depoziti meritu ta' din il-procedura;

Fit-tieni lok, jidhol il-kreditur Anthony Demajo ghall-kreditu tieghu skont il-kuntratt ta' self tal-4 ta' Mejju 2006, l-imghax semplici sad-data tas-sentenza ammontanti b'kollox ghal €155,509.19 skont statement kongunt tal-partijiet Anca u Anthony Demajo tal- 31 ta' Lulju 2017 u skont kif komputat u konsiderat f'din is-sentenza, kif ukoll l-ispejjez kollha l-ohrajn inkorsi minnu u mhux ghall-beneficcju tal-kredituri kollha kif elenkati f'Dok. AD11;

Fit-tielet lok, tidhol il-kumpannija Anca Holdings Limited, u dan ukoll ghall-kreditu taghha skond il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-12 ta' Marzu 2007, l-imghax semplici sad-data tas-sentenza ammontanti b'kollox ghal €149,750.23 skont statement kongunt tal-partijiet Anca u Anthony Demajo tal- 31 ta' Lulju 2017 u skont kif komputat u konsiderat f'din is-sentenza,kif ukoll l-ispejjez kollha l-ohrajn inkorsi minnha u mhux ghall-beneficcju tal-kredituri kollha;

Fir-raba' u l-ahhar lok, jidhlu l-kumpannija S Rausi Trading Limited u Jolly Import/Export Ltd, li ghandhom jedd indaqs fuq il-bilanc jekk ikun hemm, u dan kif jiddisponi l-artikolu 1995(1) tal-Kodici Civili.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiggradwa l-kredituri f'dan il-konkors bil-mod u ghall-ammonti kif deskritti fil-parti intitolati 'gradwazzjoni' f'din is-sentenza; tawtorizza l-izbank tal-flus fit-termini ta' tali gradwazzjoni.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur